MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**VINCENT GALEA**

Seduta tat-13 ta' Lulju, 2012

Talba Numru. 84/2012

**Emanuel MICALLEF**

**vs**

**John CURMI**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba mressqa mill-attur fis-6 ta' Frar, 2012** u li permezz tieghu talab il-hlas, minghand il-konvenut, tas-somma ta' elfejn tlett mija u hamsa u tletin euro [€2,335] u dan wara li ppremetta hekk:

"L-attur jitlob illi l-konvenut jigi kkundannat ihallsu s-somma ta' elfejn tlett mija hamsa u tletin euro (€2,335) rapprezentanti xi xoghol li l-konvenut kellu jaghmel izda li qatt ma ghamel, liema ammont gie mhallas mill-attur lill-konvenut permezz ta' cheque tal-Bank of Valletta p.l.c. bin-numru 1065. Ghalkemm interpellat sabiex ihallas u minkejja li l-konvenut wieghed li ser ihallas, huwa baqa inadempjenti.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali min-nhar id-19 ta' Dicembru, 2008 kontra l-konvenut illi huma minn issa stess ingunt in subizzjoni".

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-avviz tas-smiegh u bit-Talba odjerna fil-15 ta' Frar, 2012, huwa ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal wara tali notifika.

Ra n-nota ta' riduzzjoni mressqa mill-attur fis-seduta tat-30 ta' April, 2012 u li permezz taghha it-talba odjerna giet ridotta ghas-somma ta' elf u hamsa u tletin euro (€1,035).

Ra l-kapitolu li gie pprezentat mill-attur fis-seduta mizmuma quddiemu nhar it-3 ta' Lulju, 2012 u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher illum sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tal-attur tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut jhallas lill-attur is-somma ta' elf u hamsa u tletin euro [€1,035], bl-imghax kif mitlub.

L-ispejjez huma ghak-karigu tal-konvenut fl-intier taghhom.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------